MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 31/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**(Mr. David Saliba OHSA)**

**vs**

**Andrew Magri ta’ 37 sena, iben Tony u Doris nee`’ Micallef imwieled Awstralja, d.t.t. 20/01/1973 u li joqghod Blk D2, Flat 6, Triq l-Istiratur, Mosta. Karta tal-Identita numru 86289M.**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Andrew Magri u cioe` talli fis-17 ta’ Jannar, 2009, ghal habta tas-7.15a.m. f’Conception House, Triq Bir ir-Riebu , Rabat fil-kapacita` tieghu ta’ persuna li thaddem, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti u fil-professjoni teighu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna il-mewt ta’ Carmel Fenech mill-Mosta u dan ai

termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares is-Sahha u Sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikolu 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 24.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas li jizgura s-Sahha u Sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkonsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqsa tal-impriza u naqas ukoll li jiehu l-mizuri necessrji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikoli 4(1) u (21) ta' A.L. 36/03.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bhala persuna li thaddem naqas illi wara li jikkonsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevita riskji ghas-sahha u s-sigurta', jevalwa dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollahom mill-bidu u jadatta x-xoghol ghall-individwu, naqas ukoll li jevalwa r-riskji ghas-Sahha u s-Sigurta`, fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizgura li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u dan ai termini ta' artikolu 5(1)(i)(ii) ta' l-A.L. 36/03.

5. Akkuzat ukoll talli fil-kapacita` tieghu ta' persuna li thaddem fl-istess data, lok, zmien u cirkostanzi naqas li jiehu l-mizuri necessrji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni

solidi li jkunu gholjin bizzejjed li jkollhom ta’ l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b’apparat specjali jew bl-uzu ta’ l-apparat ta’ protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki ta’ sigurta`. Fejn l-uzu ta’ tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adattati ta’ l-access u arnessi ta’ sigurta jew metodi ta’ ankragg ohra ta’ sigurta’. Naqas ukoll li jizgura li poggamani ta’ protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta’ Reg. 5 ta’ l-Iskeda IV (parti B) ta’ l-A.L. 281/2004.

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-kapacita` tieghu ta’ persuna li thaddem naqas li jizgura li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-dispozizzjonijiet specifikati fi Skeda 2 ta’ l-Ordni u jizgura li fejn hemm il-prezenza ta’ aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta’ taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa’ jkun effettiv kontra riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kundizzjonijiet ta’ uzu ta’ taghmir protettiv personali, b’mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta tar-riskji, il-frekwenza ta’ kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta’ kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali u jizgura wkoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu t-taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta’ sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqas li jizgura li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizgura li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f’kundizzjoni igjenika tajba permezz ta’ manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta’ bicciet mehtiega. Naqas milli jara li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqas ukoll li jizgura li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant tas-Sahha u Sigurta’ tal-Haddiema u dan ai termini ta’ l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta’ l-A.L. 121/.03.

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cikrostanzi bhala l-principal jew il-perssuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit, jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg ai terminai tal-Kap. 343 dwar is-servizz ta' impjieg u tahrig.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fedina penali kwazi netta tieghu. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi hawnhekk sehhet mewt fuq il-post tax-xoghol ghalkemm l-imputatma kienx tgha istruzzjonijietli lill-vittma sabiex jaghmel ix-xoghol li kien qed jaghmel meta sehh l-incident.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg 4(1) u (2), Reg 5(1)(i)(ii) tal-Avviz Legali 36/03, Reg 5 tal-Iskeda (IV) parti B tal-Avviz Legali 281/2004, Reg. 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-Avviz Legali 121/03 u l-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba ghandu jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum, u ghall-multa

kumplessiva ta' €10,000 liema multa ghandha tithallas f'ghaxar pagamenti mensili ta' elf euro (€1,000) il-wahda u li l-ewwel pagamnet dovut fl-ahhar ta' Frar, 2010.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------